MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Rikors Numru. 604/2004

Maltacom p.l.c.
vs
Mohammed Ben Mustapha Chalbi

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih ippremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet Maltacom p.l.c. kontra Mohammed Ben Mustapha Chalbi (Cit. Nru. 1235/98GC) kienet giet deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 1999 u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lis-socjeta` kummercjali Maltacom p.l.c. s-somma ta' Lm1325.59 (elf tlett mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 375738, bl-imghax u bl-ispejjez.
Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ma kien hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, kien ta' Lm1325.59 (elf tlett mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin u disgha u

hamsin centezmu) bhala sorte, oltre Lm197.24 (mija sebgha u disghin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond it-taxxa annessa mar-rikors u mmarkata Dokument "A" kif ukoll Lm547.91 (hames mija u sebgha u erbghin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sat-28 ta' Lulju 2004, u ghalhekk l-ammont li kien dovut lis-socjeta` rikorrenti kien ta' Lm2070.74 (elfejn u sebghin Lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti kellha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt illi ghamlet referenza ghall-Artikolu 258 ***et sequitur*** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizza tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehdet Dr. Ingrid Zammit Young li ghandha l-kariga ta' Court and Tribunal representative mal-Maltacom u qalet li l-intimat ma hallas xejn minn meta gie prezentat ir-rikors 'l hawn.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat skond il-ligi baqa' kontumaci u ma deherx ghas-seduta tal-lum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress illi t-talba dedotta fir-rikors tidher gustifikata, il-Qorti tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza numru 1235/98GC fl-ismijiet Maltacom p.l.c. vs Mohammed Ben Mustapha Chalbi.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------